MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 121/2002/1

**Simon Aquilina**
**Vs**
**Avantech Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-1 ta' Frar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta li hu kien impjegat bhala *"service manager"* mas-socjeta' konvenuta, taht kuntratt ta' impieg ghall-perjodu definit ghal tliet (3) snin b'effett mill-1 ta' Novembru 2000 skond kuntratt ta' impieg tad-9 ta' Ottubru 2000 (Dok. A) b'salarju ta' disat elef lira Maltija (Lm9000) fis-sena u bil-pattijiet l-ohra hemm indikati;

Ippremetta li b'ittra tas-7 ta' Novembru 2001 (Dok. B) is-socjeta' konvenuta infurmat lill-attur li kienet itterminatlu l-impieg tieghu ghar-ragunijiet hemm indikati;

Ippremetta li din it-terminazzjoni hija ghal kollox ingusta, illegali u abbusiva u bbazata fuq allegazzjonijiet u asserzjonijiet foloz u allura infondata fil-fatt u fid-dritt, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ippremetta li b’dan l-agir unilaterali, abbusiv u llegali da parti tas-socjeta’ konvenuta, ikkawza danni lill-attur, fosthom il-hlas lilu dovut skond il-ligi ta’ nofs il-paga ghaz-zmien rimanenti ta’ l-impieg, ta’ sena u 359 granet ohra, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ippremetta li ghalkemm mitluba biex taddivjeni ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni minnha kkagunati, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk biex is-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Qorti ma ghandiex:

(1) tiddikjara u tiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xoghol definit vigenti bejn il-partijiet datat 9 ta’ Ottubru 2000 da parti tas-socjeta’ konvenuta, hija ngusta w’infondata fil-fatt u fid-dritt;

(2) tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli fil-konfront tal-attur ghall-hlas ta’ nofs is-salarju ghaz-zmien rimanenti ta’ l-istess kuntratt ta’ impieg ammontanti ghal tmint elef disa’ mija u sitta u ghoxrin lira (Lm8926) jew ammont iehor verjuri li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(3) tillikwida l-istess danni fis-somma ta’ Lm8926 fuq imsemmija jew ammont iehor verjuri li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(4) tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta’ danni hekk likwidati, bl-imghax mis-7 ta’ Novembru 2001;

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li in forza tieghu eccepiet illi:

1) t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi t-terminazzjoni tal-kuntratt ta’ xoghol definit datat 9 ta’ Ottubru, 2001 ma kienetx la ingusta u lanqas infondata fil-fatt u fid-dritt.

2) Konsegwentement ma hemm ebda somma li ghandha tigi likwidata favur l-attur bhala hlas ghaz-zmien rimanenti tal-kuntratt ta’ xoghol imsemmi.

3) Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur kien impjegat bhala “*service manager*” mad-ditta konvenuta *tramite* kuntratt definit ghal tlett snin b’effett mill-1 ta’ Novembru, 2000. L-impjieg ta’ l-attur, gie, pero’, terminat gheluq sena mill-bidu ta’ l-impjieg, u dan peress li s-socjeta’ konvenuta itterminat l-impjieg ta’ l-attur fis-7 ta’ Novembru, 2001. L-attur qed jallega li din it-terminazzjoni kienet wahda ingusta u illegali, u qed jitlob, skond il-ligi, hlas ta’ nofs is-salarju ghaz-zmien rimamenti ta’ l-istess kuntratt. Is-socjeta’ konvenuta qed tallega li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg saret ghar-ragunijiet gusti u validi u kwindi, skond il-ligi, ebda hlas ma hu dovut.

Darba jirrizulta kuntratt ta’ impjieg definit u li, bhala fatt, l-impjieg ta’ l-attur gie terminat qabel iz-zmien miftiehem, il-hlasijiet li tikontempla l-ligi industrijali jridu jsiru, u dan sakemm l-*employer* ma jipprovax li kellu ragunijiet validi

biex itemm l-impjieg ta’ dak l-impjegat; l-oneru tal-prova ta’ kawza gusta ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg hi, ghalhekk, mixhuta fuq min ihaddem.

Minn analizi tal-provi jidher li s-socjeta’ konvenuta qed tibbaza l-allegazzjoni taghha fuq tlett punti:

(a) li l-attur ma lahaqx il-‘*performance targets’* kif stipulat fil-kuntratt ta’ impjieg;
(b) li l-attur ma wettaqx ix-xoghol tieghu bid-debita diligenza u motivazzjoni;
(c) li l-attur mar wara dar l-*employer* tieghu biex jirraporta certi “nuqqasijet” lid-ditta principali ta’ barra.

Ghar-rigward ta’ l-ewwel punt, jirrizulta li qabel ma impjegat lill-attur, is-socjeta’ konvenuta kienet ghaddejja minn zmien hazin fejn il-‘*contribution’* tas-*servicing department* kien nizel minn qliegh ta’ ‘l fuq min Lm40,000 fl-1996, ghat-telf ta’ circa LM2,500 fl-2000. Is-socjeta’ konvenuta riedet li l-*performance* ta’ dan id-dipartiment jitjieb halli l-*input* tad-dipartiment fis-socjeta’, l’hekk imsejjah *“department contribution”,* jitjieb u jkun wiehed pozittiv. Is-socjeta’ konvenuta, fil-fatt, impjegat lill-attur b’dan il-ghan specifiku, u offrietlu *salary package* sabih (bl-ewwel salarju jkun ta’ LM9,000 fis-sena) ghax minnu riedet li hu jiehu taht idejh dak id-dipartiment u jwasslu li jaghmel kontribuzzjoni siewja lejn il-qligh tas-socjeta’. Is-socjeta’ konvenuta spjegat lill-attur x’kienet qed tistenna minnu, u biex taghmel il-pozizzjoni taghha cara inserit klawsola fil-kuntratt ta’ impjieg li kienet taghmilha cara li jekk l-attur ma jwassalx li d-dipartiment tieghu jilhaq it-*targets* stabbiliti, is-socjeta’ kien ikollha d-dritt titterminalu l-impjieg. Is-socjeta’ konvenuta kienet, dak iz-zmien, introduciet fis-suq sistema gdida ta’ kif tipprovdi s-servizz lill-klijenti taghha (sistema li kienet tissejjah “*Full Service Maintenance Agreement*”), u l-attur kien inkarigat li jbiegh din is-sistema lill-klijenti, u kien bis-sahha taghha li kien prospettat li d-dipartiment jilhaq it-*targets* li kienu indikati fil-kuntratt ta’ impjieg. Din il-klawsola partikolari fil-kuntratt, il-klawsola 6, taqra hekk:

*“The Employee agrees to the performance targets as per Appendix ‘B’, and Appendix ‘B’ forms an integral part of this agreement. The Employer reserves the right to terminate and /or not renew this contract if these performance targets are not met. The Employee hereby agrees with the above and grants such right to the Employer”.*

Jirrizulta, bhala fatt, li l-attur ma lahaqx il-*performance targets* indikati fil-ftehim, u dan sa mill-ewwel sena ta’ l-impjieg. Id-diskrepanza kienet wahda konsiderevoli u din id-differenza kienet ir-raguni principali ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-attur. Fil-fatt, ghall-ewwel sena, it-*target* ghall-i*spares and labour* kien ta’ Lm22,000, filwaqt li l-*performance* kien ta’ LM11,162, ftit aktar min-nofs; it-*target* mill-*maintenance contract* kien ta’ LM10,000, filwaqt li l-*performance* relattiv kien ta’ LM4,816, anqas min-nofs.

Dawn it-*targets*, is-socjeta’ konvenuta poggiethom fuq analizi li ghamlet wara li gie spjegat lilha l-vantaggi tal-*Full Service Maintenance Agreements* (FSMA), fid-dawl ta’ l-esperjenza li kellha fis-suq, u s-sinjali li s-suq kien qed juri, specjalment fid-dawl tar-rizultati li kumpaniji ohra kienu qed juru wara li dahlu dawn l-*Agreements*. Id-direttur tas-socjeta’ konvenuta, Nick Camilleri, ma accettax li dawk it-*targets* kienu “*a gamble”* , u nsista li qabel ma impjegaw lill-attur, kienu iddiskutu mieghu l-potenzjal tad-dipartiment u x’kienu qed jistennew minnu.

Fuq dawn it-*targets*, l-attur ighid li kien cempel fuqhom lil Nick Camilleri li qallu li n-negozju qieghed hemm u li hu, jigifieri, l-attur kien mistenni “*to run the show u daqshekk*”. L-attur interpreta dan id-diskors bhala li jfisser li hu ma kienx mistenni jilhaq dawk it-*targets*, izda li biss jaghmel il-parti tieghu, u x’jigri, ma jkun gara xejn.

Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan ir-ragunar ta’ l-attur. Id-diskors tad-direttur tas-socjeta’ konvenuta ma jista’ qatt jigi miftiehem bhala ghoti ta’ *carte blanche* lill-attur biex jinjora s-*set targets*. Is-socjeta’ konvenuta ghamlet enfasi fuq dawn it-*targets*, u kienet ottimista li l-attur, bl-esperjenza u l-kwalifiki li kellu, kien se jmexxi d-

dipartiment ‘l quddiem, specjalment bl-introduzzjoni tal-FSMAs. Li s-socjeta’ konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni tirrinunzja ghal dawk it-*targets* jirrizulta wkoll mill-incident li l-attur kellu ma’ Nick Camilleri f’Dicembru ta’ l-2000, meta s-Sur Camilleri talbu jipprepara l-budget ghas-sena li kienet gejja. Il-*budget* li pprepara l-attur kien il-boghod mit-target progettat mis-socjeta’ konvenuta, u s-Sur Camilleri kien insista ma’ l-attur li l-*budget* kellu jigi rivedut biex jintlahaq is-*set targets*. L-attur, fil-fatt, ghamel kif qallu s-Sur Camilleri, avolja, skond hu, il-figura progettata “kienet impossibbli sabiex tintlahaq”.

Il-Qorti ma tapprezzax l-agir ta’ l-attur li ghalkemm, skond hu, ma kienx qed jifhem sewwa it-*targets*, huwa xorta wahda iffirma l-kuntratt ta’ impjieg, u xorta wahda accetta li johrog budget b’figura gholja, avolja kien apprezza li dik il-figura kienet wahda “impossibbli”. Hu kien qed jghaddi biz-zmien lis-socjeta’ konvenuta, ghax filwaqt li kien qed jghid “iva” ghal kull ma jghidulu d-direzzjoni tas-socjeta’ konvenuta, jidher li kien jaf li hu ma setax iwassal id-dipartiment ghal *profitability* li riedet il-kumpanija. Minflok, kif kien dmir tieghu li jaghmel, jaghmilha cara li t-*targets* ma setghux jigu milqugha, u jekk hemm bzonn, jirrifjuta l-inkarigu li inghata lilu, hu baqa’ ghaddej fl-impjieg minghajr l-icken inkwiet li t-*targets* ma kienux se jinholqu.

Hi x’inhi, l-attur iffirma u accetta li jwassal id-dipartiment li gie afdat f’idejh ghat-*targets* indikati fil-kuntratt, u, bhala fatt, hu ma wassalx id-dipartiment ghal dak it-tragward. Id-differenza bejn dak progetta u dak attwalment milqugh, tant hija vasta, li anke jekk wiehed jaccetta l-allegazzjoni ta’ l-attur li l-figuri ghandhom percentagg ta’ *uncertainity,* xorta wahda il-*performance* tibqa’ sew taht dak mistenni. Kif inghad, din il-Qorti ma tikkondividix il-veduta ta’ l-attur li s-socjeta’ konvenuta rrinunzjat ghas-*set targets*.

Il-Qorti qed tissofferma ghalissa fuq dan l-aspett bl-iskop li taccentwa l-insenjament infraskritt, rakkolt mis-sentenza fl-ismijiet “John Debono -vs- Giuseppe Ciantar”, decisa mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Mejju, 1967;

*“Illi biex ikun hemm il-kunsens tacitu hemm bzonn essenzjalment ta’ zewg rekwiziti, cioe’ li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti ta’ l-att li jinghad li huwa qieghed tacitament jakkonsenti jew jaccetta, u di piu’ li l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonsiljabbli mal-volonta’ tieghu, b’mod li l-kondotta tieghu ma tkunx tista’ tigi spjegata b’mod iehor hlief li huwa accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta.”*

Dan l-agir ma jirrizultax da parti tas-socjeta’ konvenuta li baqghet issostni il-htiega li jintlahqu dawk it-*targets*, tul l-ewwel sena ta’ l-impjieg ta’ l-attur, sakemm waslet biex tittermina l-impjieg ta’ l-attur kien *well below* dak li kien mistenni minnu.

Is-socjeta’ konvenuta tilmenta wkoll dwar l-attitudni ta’ l-attur fuq il-post tax-xoghol. Id-direttur Nick Camilleri spjega li hu kellu diversi rapporti min-nies li jahdmu fis-*Service Department* taht is-Sur Aquilina li kienu jgergru bl-attitudini ta’ l-attur lejhom, attitudini li ma kienetx konduciva ghal rapporti kordjali bejn l-i*staff* u l-*manager*; ix-xhud jghid li kellu diversi drabi jintrometti f’polemiki li kienu jinqalghu bejn l-istaff tad-dipartiment ta’ l-attur u l-istess attur. L-impressjoni li hadet din il-Qorti hija li l-attur kien igorr mieghu attegjament li hu gie msejjah ghal ta’ l-apposta minn barra biex issolvi l-problemi tal-kumpanija, u dan l-atteggjament zgur li ma kienx jinzel tajjeb ma’ l-i*staff* li kienu ilhom zmien jaghtu sehemhom ghall-kumpanija. Il-kaz li semma s-Sur Camilleri, meta l-attur ha xi jiem *leave* minghajr ma talab l-awtorizazzjoni ta’ ebda direttur, timmanifesta dan l-atteggjament tieghu fuq il-post tax-xoghol.

Apparti dan jirrizulta wkoll li sa tmien xhur wara li beda l-impjieg, l-attur lanqas kien ghadu talab u ezamina l-*profit and loss account* tad-dipartiment tieghu. Dan jirrizulta minn *e-mail* interna fejn ufficcjal fl-*accounts department* tas-socjeta’ konvenuta talbet direzzjoni wara li, ghall-ewwel darba, l-attur talab informazzjoni dwar xi spiza li saret mid-dipartiment tieghu: dan kien f’Lulju ta’ l-2001! Jidher li l-attur lanqas kien qed jimmoniterja l-hrug u d-

dhul tad-dipartiment ahseb u ara kemm kien impenjat jara li s-*set targets* ta’ dik l-ewwel sena jigu milhuqa.

L-akbar ilment tas-socjeta’ konvenuta fuq dan il-punt, jirreferi ghal mod kif l-attur kien jikkontrolla in-numru ta’ *photocopies* li l-klijenti kienu jiehdu minn magni tas-socjeta’ konvenuta. Din kellha sistema li, meta klijent kien jehtieglu, fil-kors tan-negozju tieghu, jiehu numru kbir ta’ *photocopies,* jaghtu lill-klijent il-magna b’xejn, u l-hlas isir skond in-numru tal-*copies* li tiehu. Kull magna kien ikollha *revolutions counter* li tghodd in-numru ta’ kopji li tiehu. Kull xahar, il-klijent kellu jcempel lid-ditta konvenuta, jinformha bin-numru fuq il-*counter,* u skond dak in-numru jinhareg invoice relattiv. Hafna drabi, il-klijenti ma kienux icemplu huma lis-socjeta’ konvenuta, u kienet din li kien ikollha iccempel lill-klijenti u titlob in-numru tal-*counter.* Dan kien xoghol tedjanti, izda kienet ukoll ir-responsabbilita’ ta’ l-attur. Jidher car li l-attur kien jiddejjaq jaghmel dan ix-xoghol u ghalkemm kien hemm zmien meta kien jinqeda bis-servizz ta’ *technician* li, minhabba *injury* f’dahru, ma setghax jaghmel xoghol ta’ strapazz u kien jqabbdu biex icempel lill-klijenti, meta din il-persuna ma kienitx aktar disponibbli, il-piz waqa’ kollu fuqu. Il-Qorti tapprezza li dan ma kienx xi xoghol li jaghti wisq sodisfazzjon, pero’, kellu jsir, ghax mill-*income* tal-*copies,* il-kumpanija kienet tiddependi hafna. L-attur kien jilmenta li, hafna drabi, ma kienx qed jinqeda bit-*telephone,* billi jew ma jsibx il-klijent jew min jirrispondi t-*telephone* ma jkunx awtorizzat jaghti informazzjoni; hu kien ihalli risposta biex il-klijent jirritorna t-telefonata, izda dan mhux dejjem kien isir. Meta tkellem dwar dan mas-Sur Godwin Borg, direttur tas-socjeta’ konvenuta, dan qallu biex jekk il-klijent ma jfornhux bin-numru, hu johrog stima. L-attur donnu ghogbitu din id-direzzjoni, u milli jidher, adatta l-procedura li johrog stimi fuq bazi regolari minghajr ma jipprova jivverifika n-numru attwali fuq il-*counter.* Dan wassal biex hafna klijenti kienu jigu *over charged,* u t-tgergir ta’ dawn il-klijenti ovvjament tellef xi ftit ir-reputazzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Huwa veru, kif insista l-attur, li suppost il-klijenti jcemplu lid-ditta konvenuta, u mhux *vice-versa*, izda kumpanija li trid tikkompeti f’suq liberu trid izomm relazzjonijiet tajbin

mal-klijenti taghha, u mhux taddotta atteggjament ta' ostilita', u dan billi, kif gara f'xi okkazzjonijiet, tohrog stima tant gholja u tant li l-hin mill-attwalita', li s-socjeta' konvenuta ghadha sal-lum ma tirceviex hlas minghand certi klijenti, u dan sakemm jilhqu l-istima li hareg l-attur. Il-procedura ta' l-istima kellha tintuza bhala "*a last resort",* izda l-attur addottaha bhala prassi regolari.

Jista' jkun, kif osserva l-attur, li mill-*invoices* esebiti, in-numru ta' *actual readings* jissupera dak li hu *estimated,* pero, xorta jibqa' li n-numru ta' *estimated readings* huwa wiehed kbir hafna, bin-numru ta' *estimated copies* ikun, hafna drabi 500 jew 1000, ghalkemm f'xi okkazzjoni anke telghet ghal 7000.

L-attur, huwa veru, ha l-inizzjattiva li jipproponi idea gdida biex inaqqas dan ix-xoghol tedjus; hu hareg bl-idea li kull min icempel hu u jforni lis-socjeta' konvenuta bin-numru ta' *copies* li kien ghamel f'dak ix-xahar, jippartecipa f'lotterija b'divesi premijiet. Din kienet idea li s-socjeta' konvenuta apprezzat u bdiet tadotta, bir-rizultat li n-numru ta' *estimated readings* beda jonqos. Jibqa' l-fatt, pero', li sakemm din l-inizjattiva tibda taghti r-rizultat mehtieg, l-attur kellu obbligu isus wara l-klijenti u jiehu *actual readings*. Kif spjega s-Sur Godwin Borg, diffikultajiet biex huma jigbru r-*readings* minghand il-kumpaniji klijenti ma kienx hemm; kien jiehtieg ftit pacenzja u rieda tajba, izda l-attur, donnu, ma kienetx tghogbu din li hu joqghod jigri wara l-klijenti, u adottata ghal-klijenti li ma kienux jikkoperaw mieghu mill-ewwel procedura li waslet biex urtat diversi klijenti anki minhabba l-*accounts* interni taghhom.

Hu veru wkoll li l-entita' ta' l-*estimated readings* irrizulta lis-socjeta' konvenuta wara li kienet ga terminat l-impjieg ta' l-attur, pero', il-problema u l-ilmenti kienu gia bdew jimmanifestaw ruhhom tul dik is-sena li l-attur dam impjegat mas-socjeta' konvenuta, u, fil-fatt, gie konfermat li l-abbuz li kien qed isir mill-*estimate readings* kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex gie terminat l-impjieg ta' l-attur.

Fl-ahhar nett, is-socjeta' konvenuta ilmentat minn agir ta' l-attur li, ftit wara li kien beda bl-ingagg tieghu, mar wara dar l-*employer* tieghu, u baghat *e-mail* b'ilmenti lill-*parent company* ta' barra. Dan sehh f'Jannar ta' l-2001, ftit xhur wara li l-attur beda fl-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta. L-attur kien attenda kors hawn Malta u hemm ghamel konoxxenza ma' certu Mick Dunham. Fid-19 ta' Jannar, 2001, dan Mick Dunham baghat *e-mail* lill-attur u staqsieh kif inhu sejjer (peress li *"service maangement can be extremely hard work"),* u staqsieh jekk kienx implementa t-tibdil diskuss waqt il-konferenza. L-attur irrisponda u informah bil-pjan li fassal ghall-implimentazzjoni tal-proposti, izda beda biex ighid li hu kien qed jibda biex jissetilja, u zied: *"My God what kayos, I honestly can say that to overcome the situation and implement new procedures, I had to see their personal attitudes and personal behaviours".* Il-kumpanija konvenuta hadet ghaliha b'din id-deskrizzjoni ta' sitwazzjoni, u avolja l-attur ighid li bil-kelma *"kayos" (chaos),* hu kien qed jirreferi ghat-trab u l-istorbju li kien hemm fl-ufficcju minhabba r-*refurbishing*, il-kuntest ta' l-ittra ma jghidx hekk. Wara li l-attur irrefera ghal *kayos*, kompla, bl-istess nifs, jilmenta fuq il-*personal attitude* u *behaviour* ta' l-*istaff,* u wiehed li jara l-*e-mail* minghajr spjegazzjoni, facilment jifhem li l-*kayos* kien fl-atteggjament u l-agir ta' l-istaff. Dik l-e-mail tkompli turi l-"*condescending attitude*" ta' l-attur, li ghaliha irriferiet din il-Qorti aktar qabel, specjalment meta juza kliem bhal "*overcome the situation*", u li, ghalkemm kellu pjanijiet ohra ghall-kumpanija, qal li "*I take things at a time so it will be easier for the technicians".* Dan l-atteggjament ta' l-attur, kif gie spejgat, holoq tensjoni bejn hu u n-nies ta' tahtu, tant li kif spjega s-Sur Nick Camilleri kellu mhux l-ewwel darba jintervjeni biex izomm il-paci.

L-*e-mail* in partikolari setghet ghamlet hafna hsara lis-socjeta' konvenuta, u kif irrimarka s-Sur Camilleri, *"I do not think it is a good idea to tell our principal supplier about our internal chaos".* L-attur kien pruzuntuz meta mar wara dar l-*employer* tieghu, u lmenta dwar xi problemi li kien qed isib, u dan mad-ditta ta' barra li kienet qed tforni lis-socjeta' konvenuta bl-*equipment* kollu li riedet biex

tinnegozja gewwa Malta. Is-socjeta' konvenuta, bir-ragun, hadet ghaliha meta l-attur, impjegat li kien ghadu jibda jahdem maghha, hareg b'mod pubbliku l-problemi li, skond hu, sab fl-ufficcju. L-*After Sales Service* jinghata hafna importanza minn ditti kbar esteri, u kwindi li l-attur ighid li sab *chaos* f'dak id-dipartiment seta' facilment wassal ghat-tgharriq tar-relazzjonijiet bejn id-ditta estera u s-socjeta' konvenuta. Impjegat lanqas m'ghandu, specjalment wiehed gdid, f'wahda mill-ewwel korrispondenza tieghu, imaqdar l-ambjent fejn kien qed jahdem u jilmenta dwar l-attitudini u l-abilita' tan-nies li jahdmu tahtu. L-attitudini li l-attur ha f'dan l-impjieg tieghu ma kienetx konducenti ghal *"good working relations*" fuq il-post tax-xoghol, u anke minhabba dan is-socjeta' konvenuta kienet gustifikata li tittermina l-impjieg ta' l-attur.

Huwa principju ta' relazzjonijiet industrijali li persuna li tokkupa *managerial post* trid ikolha mhux biss esperjenza u kwalifiki mehtiega, imma trid tkun taf tmur mas-superjuri taghha u mal-haddiema li jkunu tahtha. Sid ghandu aktar diskrezzjoni meta jigi biex jittermina l-impjieg ta' *manager* milli haddiem, nghiduha hekk, fuq il-linja. In-nuqqas ta' dan ta' l-ahhar mhux dejjem jista' jkun krucjali ghal *employer* u il-karattru tieghu lanqas ma, generalment, ikun importanti, ghax ftit li xejn jkollu kuntatt mad-dirigenti; l-importanti li jmur tajjeb ma' haddiema shabu u jaghmel il-parti tieghu bil-galbu. *Manager,* min-naha l-ohra, ghandu rwol importanti f'ufficcju jew f'fabbrika. Hu jrid juri "*a good attitude"* mal-haddiema ta' tahtu sabiex dawn ma jgorrux hafna fuq ix-xoghol u jrid ukoll ikollu relazzjoni tajba mad-dirigenti tal-kumpanija u jrid jirbah il-fiducja taghhom, billi juri li jaf imexxi, ghandu *"good managerial skills*", u kapaci jottjeni r-rizultati li huma jkunu qed jistennew minghandu. L-attur, bl-atteggjament u n-nuqqasijiet tieghu, falla *on all counts* f'dan li kien mistenni minnu, u din il-Qorti, kwindi, taccetta li s-socjeta' konvenuta kellha ragunijiet tajba biex tittermina l-impjieg ta' l-attur kif fil-fatt ghamlet.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------